MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 746/2011

**APS Bank Ltd. (C2192)**

***kontra***

**Stefan George Vassallo (Karta ta` l-Identita` numru 320966M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-3 ta` Awissu 2011 li jaqra hekk –

*Illi permezz ta` kuntratt fl-atti ta` Nutar Pierre Cassar tad-dsatax (19) ta` Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Dok. A), il-Bank rikorrenti kkonceda lill-intimat, facilita` ta` Overdraft tas-somma ta` tlett elef Liri Maltin (Lm3,000)*

*ekwivalenti ghal sitt elef disa` mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) u kif ukoll facilita` ta` self ghas-somma ta` ghaxart elef u tmien mitt Liri Maltin (Lm10,800) ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin elf mija u sebgha u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€25,157.23), taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kollha msemmija u pattwiti fl-istess kuntratt;*

*Illi l-intimat jinsab moruz u inadempjenti fl-obligazzjonijiet u pagamenti minnu pattwiti u assunti permezz tal-precitat kuntratt u sanction letters relattivi (Dok. B, C u D) u ghalhekk ksier l-"Events of Default" stipulati u pattwiti fl-istess kuntratt u sanction letters;*

*Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex jottempera ruhu mal-obligazzjonijiet u pagamenti minnu assunti u pattwiti permezz tal-precitat kuntratt u sanction letters, izda xorta wahda baqa` inadempjenti;*

*Illi ghalhekk l-intimat tilef kull beneficju tat-terminu lilu koncess;*

*Illi l-bilanc ta` debitu dovut illum mill-intimat lill-Bank rikorrenti, skond l-imsemmija facilitajiet, jammonta ghas-somma ta` sebgha u tletin elf, tlett mija u wiehed u tletin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€37,331.52) dovuta kwantu gahs-somma ta` sitt elef hames mija u disgha u erbghin Euro u sitta u hamsin centezmu (€6,549.56) bhala bilanc ta` debitu ta` kont kurrenti numru 20000222108 (Dok. E), kwantu ghas-somma ta` hamsa u ghoxrin elf sitt mija u sebgha u disghin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€25,697.88) bhala bilanc ta` debitu ta` "Loan Account" numru 20000264402 (Dok. F), kwantu ghas-somma ta` erbat elef u tmenin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€4,080.82) bhala bilanc ta` debitu ta` "Interest Disposal Current Account" numru 20000823064 (Dok. G) u kwantu ghas-somma ta` elf u tlett Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,003.26) bhala bilanc ta` debitu ta` "Interest*

*Disposal Current Account" numru 20000823053 (Dok. H) u dana oltre l-interessi ulterjuri b`effett mill-1 ta` Lulju 2011 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Illi l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas l-imsemmi debitu, anke permezz ta` ittra ufficjali, izda baqa` inadempjenti.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:*

*1) Tiddikjara illi l-intimat huwa morus u inadempjenti fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk l-intimat tilef kull beneficcju tat-terminu lilu koncess; u*

*2) Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-imsemmija somma ta` sebgha u tletin elf, tlett mija u wiehed u tletin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€37,331.52) dovuta kwantu ghas-somma ta` sitt elef hames mija u disgha u erbghin Euro u sitta u hamsin centezmu (€6,549.56) bhala bilanc ta` debitu ta` kont kurrenti numru 20000222108, kwantu ghas-somma ta` hamsa u ghoxrin elf sitt mija u sebgha u disghin Euro u tmienja u tmenin cetezmu (€25,697.88) bhala bilanc ta` debitu ta` "Loan Account" numru 20000264402, kwantu ghas-somma ta` erbat elef u tmenin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€4,080.82) bhala bilanc ta` debitu ta` "Interest Disposal Current Account" numru 20000823064 u kwantu ghas-somma ta` elf u tlett Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,003.26) bhala bilanc ta` debitu ta` "Interest Disposal Current Account" numru 20000823053, u dana oltre l-interessi ulterjuri b`effett mill-1 ta` Lulju 2011 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjes kollha kontra l-intimat inkluzi dawk tal-Mandat ta` Sekwestru prezentat kontestwalment ma` dan ir-Rikors Guramentat, u bl-interessi ulterjuri b`effett mill-1*

*ta` Lulju 2011 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat mil-lum ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat li l-konvenut kien debitament notifikat skond il-ligi bl-atti tar-rikors mahluf u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, pero` ma pprezentax risposta mahlufa.

Rat in-nota ta` ammissjoni prezentata fl-udjenza tal-lum mill-konvenut.

Rat l-atti tal-kawza.

**Fuq ammissjoni tal-konvenut, taqta` u tiddeciedi l-kawza billi tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti kontra l-konvenut, bl-interessi ulterjuri kif mitluba, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta` sekwestru prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------